# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2663

**Kaz Nru. 3386/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Noel Azzopardi (ID 4773 M)**

**u**

**Toly Products Ltd. (C-1597)**
**(Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Noel Azzopardi, li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fl' 4 ta' Awissu, 2015. Meta gie msejjah il-Kaz, ir-rikorrenti kien assistit mill-Avukat Maria Azzopardi u s-Sur Alfred**

**Mallia Milanes u ghas-socjeta  ntimata dehret Jeanelle Cachia li kienet assistita mill-Avukat Karl Briffa.**

**Fl'-istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti jghid, li kien ilhu jahdem bhala full-time mal-kumpanija ghal madwar erbatax (14) il-sena, fejn matul dan iz-zmien gie promoss minn Storekeeper ghal Quality Documentation Executive.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li gie kostrett li jirrezenja mill-impjieg tieghu nhar it-30 ta' Gunju, 2015 u dan minhabba ragunijiet sufficjenti li jwasslu ghal constructive dismissal. Huwa jghid ukoll, li matul iz-zmien li kien fl'impjieg huwa dejjem qeda dmiru bl-ahjar modd possibbli u rrenda servizz lis-socjeta' intimata.**

**Huwa jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li matul ix-xoghol tieghu kien qieghed jesperjenza pressjoni ta' xoghol li kienet iktar milli triplat u anki minn naha tas-superjur tieghu kien qieghed jircievi trattament iebes fejn l-agir abbuziv da parti tas-superjur tieghu kien qieghed jikkawza tensjoni bla bzonn fir-rigward tieghu li rrendi l-ambjent tax-xoghol ghalih bhala difficli u nsostenibbli.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li minkejja diversi lmenti li ghamel lill-management huma ftit li xejn hadu azzjoni fuq is-sitwazzjoni anzi, huwa kien qieghed jigi akkuzat u mpoggi taht investigazzjoni tant, li din is-sitwazzjoni kienet qed tkun ta' detriment ghal sahhtu.**

**Huwa jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li dawn ic-cirkostanzi wassluh biex jirrezenja mill-impjieg (constructive dismissal) u dan ghamlu minhabba l-ambjent tax-xoghol li gie kkrejat ghalih mill-management.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrent issostni li ghaldaqstant, is-socjeta ntimata tterminat l-impjieg tieghu b'mod ingust u tali tkeccija hija ngusta ai termini tal-artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-ligijiet ta' Malta.**

**Huwa jghalaq l-istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jghid, li ghadu minghajr impjieg fiss sal-gurnata li ghamel din l-istqarrija u jghid ukoll, li nvista ta' dak kollu suespost dan it-Tribunal Industrijali huwa mitlub jiehu dawk il-passi kollha mehtiega u opportuni kontra s-socjeta ntimata, cioe' li c-cirkostanzi effetivament jammontaw ghal sitwazzjoni ta' tkeccija ngusta meta huwa gie kostrett jirrezenja (constructive dismissal) mill-impjieg tieghu u ghaldaqstant, qed jitlob lit-Tribunal Industrijali biex jordna li jigi mhallas kumpens gust kif ukoll li jigi mhallas n-Notice Period.**

**Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li dan it-Tribunal Industrijali huwa nkompetenti ratione materiae li jiehu konjizzjoni mit-talba rigwardanti l-hlas tan-notice period. Hija tghid ukoll, li minghajr pregudizzju ghas-suespost dwar it-talba relatata ghall-hlas tan-notice, kif jirrizulta mill-ittra tar-rizenja tar-rikorrent datata tlettin (30) ta' Gunju 2015, kien ir-rikorrent stess li ghazel jirrizenja**

**mill-impjieg tieghu b'effett immedjat u minghajr ma ta' n-Notice dovut skond il-ligi.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li skond il-ligi huwa fil-fatt ir-rikorrent li kien responsabbli ghal hlas ta' nofs in-notice favur is-socjeta esponenti u mhux vice versa. Hija tghid ukoll, li fi kwalunkwe kaz, ai termini tal-ligi min ihaddem huwa obligat li jhallas Notice biss f'kaz ta' issensjar (redundancy) ta' impjegati, liema kaz zgur ma japplikax fil-kaz odjern. Is-Socjeta tghid ukoll, li ghalhekk ma hemmx lok ghal hlas tan-Notice rrispettivament jekk ir-rikorrent jirnexxielu jipprova b'success l-allegazzjoni tieghu li huwa gie mgieghel jirrizenja mill-impjieg tieghu.**

**Fl'istqarrija tal-kaz is-Socjeta tkompli tghid, li l-allegazzjoni ta' "constructive dismissal" hija nfondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u hija tichad kategorikament illi r-rikorrent kien issoggettat ghal xi trattament iebes u/jew li sofra xi agir abuziv kif allegat. Hija tghid ukoll, li lanqas m'huwa minnu dak implikat fir-rikors tar-rikorrent illi s-socjeta njorat xi lmenti li seta' kellu ghax fil-fatt il-management kien investiga kwalunkwe lment imressaq mir-rikorrent, izda mill-istharrig imwettaq irrizulta li lmenti ma kellhom l-ebda bazi.**

**Is-Socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li tichad li hija b'xi agir taghha setghet waslet ghal cirkostanzi li jaghtu lok ghal "constructive dismissal" kif allegat mir-rikorrent.**

**Mill-provi jirrizulta li r-rikorrent beda jahdem bhala storekeeper mas-Socjeta ntimata f'Novembru, 2000 u f'Jannar 2002 gie moghti l-grad ta' Operations Clerk, fejn il-funzjoni tax-xoghol tieghu kienet li; "creating products codes, review oldest orders, quality forecast issue, document and data control, lot rejection reports, monthly reports, new project meeting u replacing other personnel".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ghaxar snin wara li kien moghti l-grad ta' Operations Clerk, il-kumpanija kompliet tespandi ghas-swieq ta' l-Asja fosthom; ic-China, l-Indja u l-Korea u ghalkemm il-funzjonijiet tax-xoghol tar-rikorrent bazikament baqaw l-istess pero il-volum tax-xoghol kiber specjalment fejn kienet tinvolvi l-Korea.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fl'2012, wara li r-rikorrent applika ghal vacancy li kellha l-kumpanija huwa gie promoss ghall-Quality Documentation Executive liema grad kien wiehed Amministrattiv.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta sar l-interview tar-rikorrent ghal grad ta' Quality Documentation Executive, huwa staqsa b'kemm setgha jikber l'ammont tax-xoghol u minn naha tal-management gharfu li ma setghax jghid ezatt b'kemm dan l-ammont ta' xoghol se jikber ghax dan jiddependi minn kemm ordnijiet ta' xoghol jidhlu lill Kumpanija.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li minkejja din l-informazzjoni r-rikorrent accetta l-promozzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xoghol skond l-ittra tal-promozzjoni datata 16 ta' Frar, 2012 li bazikament kienet tghid, li l-gimgha tax-xoghol tieghu kienet se tkun gimgha ta' erbghin siegha mit-Tnejn sal-Gimgha u jekk ikun il-kaz ta' sighat aktar ma kienx intitolat li jithallas ghal overtime.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li dan il-grad kien eskluz mill-overtime peress li kien grad Amministrattiv u kif jirrizulta mill-provi wkoll, li din kienet il-prattika tal-kumpanija fejn jirrigwardjaw gradi Manigerjali u Amministrattivi.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li fl-ewwel sitt xhur li r-rikorrent kien fil-grad il-gdid huwa nforma lis-superjur tieghu li kellu l-grad ta' Group Quality Manager, li x-xoghol kien qed jizdied b'rata mghaggla specjalemt ix-xoghol li kien jirrigwardja lil Toly Korea. Fix-xhieda tieghu r-rikorrent jghid, li l-ikbar diffikulta kienet ghaliex minhabba li gejografikament il-Korea tinsab fl'Asja kien hemm differenza fil-hin li meta jispiccaw mix-xoghol f'Malta jibdew jahdmu huma.**

**Fix-xhieda tieghu tat-12 ta' April, 2018 pagna 5 ir-rikorrent jghid, "kien hemm differenza tal-hin li jiena tlaqt mill-ufficcju fl-16.30 kif suppost naghmel, hallejt l-ufficju clean u tircievi l-emails fit-tmienja ta' fil-ghaxija ghax dahlu ghax-xoghol fit-tmienja ta' fil-ghaxija, kif**

**niftah il-computer fis-7.30 ta' fil-ghodu ssib pending emails li qed jirrikwestjaw ghal product codes".**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li tkellem dwar dan mal-Group Quality Manager, mac-Chief Operations Officer, ma l-owner tal-Kumpanija u mal-Human Resources Manager fejn ipprezentalha graph ta' kif zdied ix-xoghol u hija (HR manager) issuggerietlhu biex jghamel studju ta' kemm qed jiehdu hin kull funzjoni li kien qed iwettaq sabiex jigi stabbilit kemm dawn il-funzjonijiet kienu qed jiehdu hin.**

**Mill-provi jirrizulta li fit-28 ta' Jannar, 2013 ir-rikorrent kiteb lill management fejn qallu, li fil-grad li kien gie promoss kien assuma ir-responsabilita li jghamel il-product codes ghat-Toly Korea. Huwa jghid ukoll, li x-xoghol zdied u dwar dan kien diga ghamel riferenza ghalih meta kien gie promoss.**

**Fl'ittra msemmija hawn fuq ir-rikorrent jghid ukoll, li ghalkemm ghamel diversi complains mal-management pero, dawn waqaw fuq widnejn torox u ma setghax ilahhaq max-xoghol li kellu. Minn naha tal-management jghid li kien ta' struzzjonijiet lir-rikorrent biex jghamel il-prijoritajiet tax-xoghol u li ma jlahhaqx jistenna.**

**Fl'istess komunikat ir-rikorrenti jghid ukoll, li kien qed jircievi diversi complains minghand id-Dipartiment tas-Sales u kien ghalhekk li kien qed jghamel complain ufficcjali li ma setghax ilahhaq max-xoghol tieghu.**

**Fl'istess komunikat huwa pprezenta ezercizzju tal-funzjonijiet tax-xoghol li kien responsabbli ghalih, kif ukoll il-hin li kienu qed jehdulu dawn il-funzjonijet.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management iddiskuta l-komunikat li bghatlu r-rikorrent. Mill-provi jirrizulta wkoll, li Mark Spiteri li kien jokkupa l-grad ta' Chief Trading Officer informa lill-membri tal-management l-ohra; David Bugeja, Olaf Zahra, Peter Paul Vella u lill Teresa Fabri. Mark Spiteri jghid, li wara li kien iddiskuta l-kaz tar-rikorrent jirrizultalu, li l-unika kaz ta' complain kien minghand Roseanne. Mark Spiteri jghid ukoll, li l-gimgha ta' qabel kien attenda Konferenza dwar is-Sales u hadd ma qallu li kien hemm xi complain.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-ezercizzju li ghamel ir-rikorrent fejn indika l-funzjonijiet tax-xoghol li kien qed jghamel u kemm kien qed jehodlu hin jirrizulta, li meta jigu mghaduda l-funzjonijiet tad-doveri tieghu bil-hin li kien qed jiehu, dawn kienu jammontaw ghal 2400 minuta u li meta jigu diveduti ghal sighat kienu jammontaw ghal 40 sigha xoghol fil-gimgha.**

**Waqt it-trattazzjoni finali tal-kaz Dr Azzopardi ghar-rikorrent ikklerifikat li l-ezercizzju ma kienx ha nkonsiderazzjoni l-interruzzjonijiet li jista jkollu r-rikorrent waqt il-hin tax-xoghol bhal telefonati u meetings manigerjali.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fil-5 ta' Frar, 2013 David Bugeja li kien il-Group Quality Manager kiteb lill-management fejn infurmahhom li l-gurnata ta' qabel ir-rikorrent kien infurmah li ddecieda li ma jghamilx xi funzjonijiet tax-xoghol li kienu jippartjenu lilhu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li dak inhar stess l-Human Resource Manager ghamlet laqgha mar-rikorrent u aktar tard nfurmathu b'korrispondenza fejn qaltlu, li kif kien gie nfurmat matul il-laqgha li kellhom bejniethom, huwa ma kellux id-dritt li jirrifjuta li jghazel li ma jwettaqx certu dmirijiet u jekk kien se jippersissti bl'agir tieghu kienu se jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fis-6 ta' Frar, 2013 David Bugeja nforma lill Human Resource Manager, li r-rikorrent baqa jirrifjuta li jghamel certu dmirijiet u b'rizultat ta' dan gie moghti l-ewwel twissija ufficjali.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fit-12 ta' Frar, 2013 saret laqgha mar-rikorrent dwar ilmenti li kellu u din is-sitwazzjoni giet rizolta**

**permezz, li r-rikorrent accetta li jerga jkompli jghamel ix-xoghol kollu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li gie miftiehem li jsir follow up meeting iehor biex jaraw x'kienu  ddifikultajiet li kien qed jiffaccja r-rikorrent biex jilhaq it-targets tieghu kif ukoll, li gie miftiehem li r-rikorrent jigi moghti laptop sabiex kif jinghad kemm mill-management u anke mir-rikorrent waqt il-provi, jekk ikun il-kaz u dan ikun f'certu okkazzjonijiet huwa jkun jista jahdem mid-dar. B'rizultat ta' din il-laqgha t-twissija li kien gie moghti r-rikorrent kienet inzammet milli tigi ezegwita.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li mit-12 ta' Frar, 2013 sal-2015 ma kienx hemm laqghat bejn ir-rikorrent u l-management. Min-naha tar-rikorrent jghid, li matul dan il-perjodu kien hemm complains mal-management li ma kienx qed ilahhaq max-xoghol, izda minn naha tal-management jinnega li r-rikorrent qatt ghamel xi complains matul l-perjodu imsemmi.**

**Meta t-Tribunal Industrijali ezamina l-provi ma jirrizultalux li r-rikorrent ghamel complains bil-miktub matul l-perjodu 2013-2015 u l'unika komunikazzjoni li kien hemm kien qabel il-perjodu li r-rikorrent irrezenja mill-impieg.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fl'April, 2014 ir-rikorrent kien gie mghazul mill-Malta Football Association biex jghamel xoghol volontarju bhala Transport Pool Manager biex jigi organizzat it-13 il-UEFA European Under 17 Championship u ghaldaqstant huwa talab lill-management biex jigi moghti special paid leave mill-5 ta' Mejju sat-22 ta' Mejju, 2014.**

**Minn naha tal-management informa lir-rikorrent, li ma setghax jghatih special paid leave ghar-raguni, li l-policy tal-kumpanija kienet li l-special paid leave jigi moghti lill atleti u mhux lill organizzaturi. Il-management infurmah wkoll, li setgha jghatih 14 il-gurnata paid leave mill-entitlememt tieghu u peress li dan kien leave fit-tul u biex ma jaqghax lura fix-xoghol tieghu kellu jahdem xi sighat kuljum u ta' dawn is-sighat kien se jigi kkumpensat billi jigi moghti l-leave lura.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrent irrezenja mill-impieg tieghu fit-30 ta' Gunju, 2015 u qabel ma rrezenja huwa ghamel perjodu bil-leave ghal mard.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrent jghid, li huwa r-rezenzja mill-impieg kawza ta' stress u ansjeta li kien qed isofri fuq il-post tax-xoghol u li ghal dan kien ilu jghamel complains mal-management. Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li l-attitudni tal-manager tieghu David**

**Bugeja kienet wahda negattiva fil-konfront tieghu u kkrejalu ambjent fuq il-post tax-xoghol li ma setghax jissaporti aktar.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul il-perjodu li r-rikorrent kien bil-leave ghal mard huwa gie ezaminat mit-tabib tal-familja Dr Paul Falzon, gie ezaminat ukoll minn Dr Carmel Sciberras u mill-Psikologu George Debono, fejn dawn ghalkemm riedu jghatuh kura medika permezz li jigi moghti medicina, ir-rikorrent irrifjuta li jiehu l-medicina ghax kif jghid hu, kien ihoss l-ansjeta u l-istress meta jkun fuq il-post tax-xoghol u meta jkun id-dar ma jhoss l-ebda sintomi ta' ansjeta u stress.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li fuq suggeriment tar-rikorrent it-tabib tal-familja ssuggerixxa lill Kumpanija sabiex ir-rikorrent jibda jahdem gimgha mnaqqsa ta' xoghol, jigifieri li minn flok jahdem hames t'tijiem fil-gimgha huwa jibda jahdem erba t'ijiem fil-gimgha. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrent ma riedtx jibqa jahdem taht il-manager David Bugeja u ried li jigi trasferit ghal Dipartiment iehor.**

**Waqt ix-xhieda tieghu ta' nhar il-Hamis 24 ta' Novembru, 2016 il-Piskologu George Debono gie mistoqsi mill-Avukat M. Azzopardi "Ghar-rigward ghax inti fuq dak li spjegalek hu minn xiex kien ghaddej u inti spjegajt li kienu sintomi ta' ansjeta, stress ecc. Dak li spjegalek hu, mill-esperjenza tieghek wasslu ghal kundizzjoni li kien qieghed fiha hu ?"**

**Ghal mistoqsija msemmija hawn fuq il-Psikologu George Debono wiegeb "Ifhimni meta titkellem fuq stress trid tiehu nkunsiderazzjoni zewg affarijiet, il-haga li qed tohloqqlok u l-apprezzament tieghek ghas-sitwazzjoni jigifieri li jista' jkun stress ghalik hafna, ghalija jista jkun ftit".**

**Dr Carmel Sciberras f'rapport permezz ta' email datat 5 ta' Gunju, 2015 qal lill-Kumpanija wara li ltaqgha mar-rikorrent "As requested I have seen on 2 May 2015 your employee Mr Noel Azzopardi of Rabat. He is stating that he is suffering from an acute anxiety state which is directly attributed to his place of work. He has been followed up by his family doctor as well as by the psychiatrist.**

**After a lengthy discussion I am of the opinion that he does not suffer from endogenous depression/anxiety but that his symptoms are those of a reactive depressive anxiety state ie his mood changes are resulting from something that is happening around him. It transpired that allegedly he has problems with his immediate superior and from what I can deduce they seem to be at loggerheads. He would like to be re-posted so that he is under the charge of somebody/else.**

**Apparently by reduced hours he is meaning a shorter week rather than a shorter day shift. That is he wants to work a 4 day week instead of the usual 5 day one. However in my opinion any form of reduced hours, being shorter shift hours or shorter weekdays is not going to solve anything as the situation of unhealthy work-relationship between the two is going to remain there.**

**Medical treatment is not going to solve anything and I pointed out this to Mr Azzopardi. He understood my point and does not want to take anxiolytics.**

**He has produced another medical certificate which declares him to be fit for duties on 6th June 2015".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li Teresa Farbri li kienet l-HR Manager, fix-xhieda taghha tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2018 tghid, li saret taf l-ewwel darba li r-rikorrent kellu problema ma David Bugeja kien mir-rapport ta' Dr Sciberras u mill-mara tar-rikorrent li kienet marret ghandha bic-certifikati tal-mard.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li fl'ittra tar-rizenja tar-rikorrent datata 30 ta' Gunju, 2015 huwa jindika li l-problema li kellu kienet ma David Bugeja. L-ittra tar-rizenja tghid "Due to constructive discharge tactics used regularly by my manager, David Bugeja, I am forced to resign my position with Toly Products Limited with immediately effect. The conditions created by my manager have become so unbearable that I am unable to execute my duties and I also fear for my health and safety.**

**Over the past several years and on different occaisions, I have used the proper human resources channels to report the situation and humbly requested my superiors to take actions on this constant attitude directed towards my operation and myself. I have indicate**

**the abuse and harassment that was taking place in my department and I had also warned of a constructive discharge situation, but to my disappointment my words fell on deaf ears since no concrete action has been taken to address my situation.**

**I am extremlely disappointed in the lack of responsibility shown by the company management and the lack of action on my behalf. I enjoyed my job and did it with passion and sense of responsibility towards the company but I felt it unbearable to work under my Manager who created a poisonous work environment and regretfully such situation was never properly addressed by the management, leaving me no other option but to resign".**

**Fix-xhieda ta' l-HR manager Teresa Fabri li kienet fis-seduta ta' 20 ta' Gunju, 2019 pagna 14/15 tghid "Sirt naf jien il-konluzzjoni kienu li hu kien parti mid-Dipartiment tal-kwalita, l-Manager tad-Dipartiment kien il-persuna u hu ried jaqa' taht dak il-manager, min-naha taghna ma kienx hemm raguni li kellu jaghmel sens ghal kumpanija li jbiddel il-manager, dan ma nsolvux il-problemi billi nbiddlu l-managers ghax l-impjegat jixtieq. L-impjegati ma jaghzlux il-managers taghhom, l-istruttura jiddetermina min hu l-manager"**

**Hija tghid ukoll "Harsina bazikament skont l-informazzjoni li kellna, allura ma hassejniex li Noel kellu xoghol izjed milli seta' jikkowpja mieghu dik ghidnija kemm il-darba. Kien hemm ukoll, kien hemm**

**affarijiet li ndikawlna dawk l-affarijiet jigifieri ma kienx jibqa wara l-hin, kien jaghmel l-40 siegha tieghu, ma kellniex problema mieghu, ma kellniex complaints min-naha ta' barra, ma kienx hemm dik l-evidenza li juri isma' vera dan il-bniedem imma forsi hu personalment ma kienx qed ilahhaq allura konna qed nippruvaw naraw li forsi dan jista' jinghata ghajnuna min-nies professjonali biex jikkowpja ma stresses li kien qed ihossu. Dawk kienu l-konluzzjonijiet, ovvjament ma kienx hemm hin bizzejjed biex niehdu l-passi konkreti ghax Noel imbaghad irrezenja".**

**Ir-rikorrent fix-xhieda tieghu tal-5 ta' Novembru, 2015 pagna 13 jghid li bejn "2014/2015 pjuttost il-volum baqa talekwale l-istess pjuttost izjed kien qed itellifni l-attitudni tal-imghallem. Il-Quality Manager tieghi li ghal darb'ohra ergajt ikkomplejnajt mal-General Manager u ma ta' fuqi pero l-attitudni baqghed l-istess, l-attitudni kienet per ezempju li meta niehu l-leave jcempilli biex nahdem mil-laptop, bis-sick icempilli biex nhadem bil-laptop, qisu flok jiena l-laptop hadtu biex nghin, qisu l-laptop hadtu bil-fors biex nahdem mid-dar".**

**Huwa jghid ukoll "il-Quality Manager fejn qalli li ha jaghtini increase tal-paga pero verbali qalli l-increase tal-paga tieghek hija daqshekk pero shabek hadu izjed ghax inti l-attitudni tieghek hija hazina"**

**Fl'istess xhieda pagna 15 ir-rikorrent jghid dwar rejections tal-prodotti manifatturati mill-kumpanija "Il-Quality Manager kien**

**jghidli, l-ewwel net kelli pressjoni biex ma nohrogiex sterna mill-ewwel, tibqa fid-dipartiment lili u lilu, meta kont nohroga per ezempju b'15 % rejection kien jghidli le tohrogiex b'15% rejection ohroga b'7 % rejection"**

**Fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Novembru, 2018 il-Group Quality Manager David Bugeja jichad li kellem lir-rikorrent li minhabba l-attitudni tieghu huwa gie moghti zieda anqas minn haddiehor.**

**Rigward l-allegazzjoni li ghamel ir-rikorrent biex ma jigix dikjarat il-vera percentagg tar-rejection, David Bugeja fl'istess xhieda jinnega li qatt qal lir-rikorrent biex ma jghatix il-figura ezatta tar-rejections u f'pagna 14 tax-xhieda tieghu jghid "No no, l-persentagg tal-kwantita hija xi haga reali, tmur ticcekkja l-fatti, l-kaxxi qeghdin hemmhekk"**

**Fix-xhieda tieghu il-Group Quality Manager jghid ukoll, li kienet tkun f'cirkostanzi ta' eccezzjoni meta r-rikorrent ikun bis-sick leave jew bil-leave biex jahdem xi codes mid-dar izda din ma kienitx tkun in-normalita ghaliex ir-rikorrent kien jahdem biss 40 siegha xoghol fil-gimgha.**

**Fl'istess xhieda ta' David Bugeja tal-15 ta' Novembru, 2018 rigward l-ilmenti li rrefera ghalihom ir-rikorrent, huwa jghid li dawn ma kienux ilmenti imma kienu prijoritajiet. F'pagna 7 ta' l-istess xhieda**

**jghid "Bhal kwalunkwe persuna l'ghandi fid-Dipartiment skond l-importanza ta' dak ix-xoghol trid tiehu decizjoni kemm hi mportanti ta' dak il-hin jew jekk taf tistenna l-istess haga kont nghmilha l-istess mas-Sur Noel u ma diversi nies li ghandi fid-Dipartiment"**

**Il-Group Quality Manager fix-xhieda tieghu jghid ukoll, li qatt ma ha xi forma ta' passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-Kumpanija pprezentat dokumentazzjoni li turi l-parti l-kbira tal-haddiema fil-kategorija tar-rikorrent hadu 2% zieda bhalma gie moghti lilhu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta r-rikorrenti rrezenja mill-impjieg kellu laqgha mal-General Manager tal-kumpanija fejn minn naha tar-rikorrent jghid, li l-General manager indirizzah b'hafna ghajjat.**

**Min naha tal-General Manager innega li ndirizza lir-rikorrent b'ghajjat u jghid, li hu kulma pprova jghamel huwa li jghid lir-rikorrent li l-affarijiet ma jsirux hekk u pprova jikkonvincih biex jirtira r-rezenja tieghu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li wara, li rrikorrent irrezenja mill-impjieg saret ri-organizazzjoni mill-mangement tal-kumpanija u x-xoghol tar-**

**rikorrent gie mqassam fuq tlett haddiema li kienu jghamlu dan ix-xoghol mad-doveri li diga kellhom. Mill-provi jirrizulta wkoll, li dan ix-xoghol kienu jghamluh fl-40 siegha tal-hin tax-xoghol taghhom.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan l-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa l-kaz li sehh 2012/2013, meta r-rikorrent kien gie promoss ghal grad ta' Quality Documentation Officer.**

**Kif jirrizulta mill-provi, wara diversi lmenti li kien qed jghamel ir-rikorrent li ma kienx qed ilahhaq max-xoghol kien iddecieda, li ma jwettaqx certu funzjonijiet li kienu jippartjenu lilu. Minn kif jirrizulta mill-provi, il-management ma accettax l-azzjoni unilaterali li kien ha r-rikorrent u rrikorra ghal passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dan il-kaz isib, li l-management irrikorra ghal passi dixxiplinarji mhux ghax ir-rikorrent kif kien qed jghid hu li ma kienx qed ilahhaq max-xoghol izda, ghax ir-rikorrent iddecieda li ma jghamilx xi funzjonijiet li kienu jippartjenu lilhu u dan wara li l-management kien qal lir-rikorrent biex jekk ma kienx qed ilahhaq max-xoghol jghamel il-prijoritajiet u x-xoghol l-iehor jistenna.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li r-rikorrent kien obbligat li jimxi ma l-istruzzjonijiet li kien tah il-management dak, li jghamel ix-xoghol li kien ta' prijorita u x-xoghol li ma jlahhaqx jistenna. It-tribunal Industrijali huwa tal-fehma wkoll, li l-pozizzjoni tar-rikorrent kellha tkun, li jimxi skond l-istruzzjonijiet tal-management u x-xoghol li ma jlahhaqx ihallih skond kif idderigieh il-management.**

**Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li r-rikorrent ma kellu l-ebda dritt li jghazel liema funzjonijiet kellu jwettaq u liema funzjonijiet ohra ma kellux jezegwixxi.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-izvolgiment tal-kaz imsemmi hawn fuq, fejn il-kumpanija zammet "on hold" il-passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent wara li kienet saret laqgha mieghu u gie deciz li huwa jerga jghamel ix-xoghol li kien qed jirrifjuta li jghamel kif ukoll li jigi moghti laptop.**

**It-Tribunal Industrijali dahal fid-dettal dwar kif zvolga dan il-kaz u r-ragunijiet li r-rikorrent gie moghti laptop u dan ghar-raguni, biex it-Tribunal Industrijali jindaga jekk ir-rikorrent giex moghti laptop sabiex jahdem fil-hin liberu tieghu biex ikopri x-xoghol li ma kienx qed jghid li qed ilahhaq waqt il-hin normali tax-xoghol.**

**Meta t-Tribunal Industrijali ezamina l-provi li gew imressqa quddiemu ma jirrizultalux li r-rikorrent gie moghti l-laptop sabiex b'modd regolari jahdem fil-hin liberu tieghu. Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kien jahdem it-tmien sighat tax-xoghol tieghu u prova ta' dan huma t-time sheets li gew ipprezentati lit-Tribunal Industrijali.**

**It-Tribunal Industrijali lanqas jirrizultalu li r-rikorrent kien qed jahdem mid-dar fil-hin liberu tieghu, huwa stess stqarr fix-xhieda tieghu tat-12 ta' April, 2018 f'pagna 5 fejn jghid "kien hemm differenza tal-hin li jiena tlaqt mill-ufficcju fl'16.30 hrs kif suppost nghamel, hallejt l-ufficcju clean u tircievi l-emails fit-tmienja ta' fil-ghaxija ghax dahhlu ghax-xoghol fit-tmienja ta' fil-ghaxija, kif niftah il-computor fis-7.30 ta' fil-ghodu ssib pending emails li qed jirrikwestjaw ghal product codes".**

**It-Tribunal Industrijali mill-provi jirrizultalu, li kien hemm zewg okkazzjoniiet biss li r-rikorrent hadem mid-dar. Fl-ewwel okkazzjoni kienet meta ge moghti 14 il-gurnata leave mill-entitlement tieghu biex jiehu sehem bhala volontier fl'attivita li kellha l-Malta Football Association u ghal xi sighat li hadem gie kkumpensat bl'leave skond is-sighat li hadem. L-okkazzjoni l-ohra kienet meta qabel ma rrezenja mill-impieg kien b'sick leave fit-tul u gie mitlub mill-management li jekk kien jistgha jghamel xi codes mid-dar biex kemm jista jkun ma jaqghax lura fix-xoghol tieghu.**

**Dwar il-kaz ta' leave fit-tul biex jiehu sehem fil-UEFA Tournament it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li l-arrangament bejn ir-rikorrent u l-management tal-kumpanija kien ragonevoli meta wiehed jiehu nkonsiderazzjoni, li sar arrangament ghal leave fit-tul meta normalment fil-fabbriki tal-manifattura l-parti kbira tal-leave hu pprogrammat ghas-sjaf u ghal Milied sabiex ma jaffettwax negattivament l-produzzjoni u l-kompettivita tal-kumpanija. B'dan l-arrangament ir-rikorrent setgha jzomm mal-pass tax-xoghol tieghu u dan sabiex meta jerga jidhol lura ghax-xoghol ma jsibx back log ta' xoghol li ma jkunx jista jlahhaq mieghu. Dwar il-kaz tas-sick leave fit-tul mill-provi ma jirrizultax li kienet rikjesta tassattiva mill-management imma r-rikorrent gie mitlub biex jekk jista jghamel xi codes liema xoghol ma kienx mpenjah il-gurnata kollha. Apparti dawn iz-zewg kazijiet, it-Tribunal Industrijali ma jirrizultalux li din kienet in-norma li kull meta ir-rikorrent ikun bis-sick leave jew bil-leave jigi suggettat li jahdem mid-dar.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li meta ezamina l-provi ghalkemm ir-rikorrent jghid li bejn 2013/2015 kien ghamel ilmenti mal-management, minn naha l-ohra l-management jichad li qatt ircieva lmenti minghand ir-rikorrent u t-Tribunal Industrijali ma jirrizultalux li bejn il-perjodu msemmi r-rikorrent ghamel ilmenti mal-management li ma kienx qed ilahhaq max-xoghol.**

**It-Tribunal Industrijali meta ezamina l-provi li wasslu biex ir-rikorrent jirreznja mill-impieg isib, li l-ilment li r-rikorrent kellu kienet dwar l-attitudni tal-Group Quality manager li wassal lir-rikorrent li jghid, li l-attitudni tieghu wasslitu biex ibghati min ansjeta u depressjoni u li wassluh biex jirrezenja mill-impieg.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, dwar jekk ir-rikorrent kienx qed ilhaqq max-xoghol u meta ezamina l-provi jsib, li kien r-rikorrent stess li ppropona biex jibda jahdem gimgha ta' erba t'tijiem minn flok gimgha ta' hames t'ijiem. Dwar dan fl'opinjoni tat-Tribunal Industrijali juri, li rikorrent kien qed ilahhaq max-xoghol ghaliex li kieku ma kienx qed ilahhq max-xoghol f'hames t'ijiem kif setgha jlahhaq max-xoghol f'erba t'ijiem.**

**It-Tribunal Industrijali ezamina wkoll, rigward l-attitudni negattiva li semmgha ir-rikorrent fil-konfront tal-Group Quality Manager, li anki skond l-ittra tar-rizenja tar-rikorrent huwa jghid, li kienet ir-raguni li ddecieda jirrezenja mill-impieg.**

**Fost il-kazijiet li rrefera ghalihom ir-rikorrent waqt il-provi huwa jghid, li l-Group Quality Manager qallu li nghata zieda anqas minn haddiehor minhabba l-attitudni negattiva tieghu. Dwar dan il-kaz, fil-waqt li kien hemm iccahda tal-Group Quality Manager li ma kienx qal dan il-kliem, mill-provi ma jirrizultax li haddiema l-ohra li kienu**

**fil-kategorija tar-rikorrent gew moghtija zieda aktar minnhu izda kienu bbenefikaw l-istess zieda bhalma nghata r-rikorrent.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, rigward il-pressjoni li r-rikorrent jghid li kienet qed issir fuqu mill-Grorup Quality Manager. Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dan il-kaz hu tal-fehma, li mill-provi ma jirrizultax li l-Group Quality Manager kien qed jghamel xi pressjoni zejda fuq ir-rikorrent u kull ma jirrizulta huwa li l-Group Quality Manager kien jibdel il-programm tax-xoghol skond l-esigenzi ta' l-ordnijiet li jkollha l-kumpanija.**

**It-Tribunal Industrijali meta janalizza il-kaz hu tal-fehma, li forsi wara li r-rikorrent ikun ppjana x-xoghol tieghu dan jigi mibdul bir-rizultat, li forsi kien ihoss certa diskuntentizza u forsi wkoll kienet tohloq certa pressjoni ta' xoghol fuqu. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li  dawn huma c-cirkustanzi normali fid-dinja tax-xoghol u specjalment meta tikkunsidra li l-kumpanija Toly Products qed tahdem f'dinja kompetittiva biex tkun tistgha tissalvagawdja l-impiegi tal-haddiema jkun jirrikjedi li tagixxi skond l-esigenzi tax-xoghol.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan l-aspett aktar fil-fond ma jeskludix li din il-pressjoni tax-xoghol kienet il-kagun ta' l-ansjeta u dipressjoni li kien qed ihoss ir-rikorrent waqt il-hin tax-xoghol imma wkoll, it-Tribunal Industrijali irid jikkunsidra dak li xehed il-psikologu**

**George Debono fejn jghid, li kull cirkostanza li wiehed jiffaccja tistgha tkun ta' ansjeta ghal wiehed imma mhux bil-fors tkun l-istess ansjeta ghal haddiehor.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra u janalizza l-provi li gew imressqa quddiem huwa tal-fehma, li l-management ma kienx qed jghamel xi pressjoni ta' bla bzonn fuq ir-rikorrent jew kien qed jippersegwitah fil-qaghdi tad-dmirijiet tieghu.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma wkoll, li kieku l-management ried jghamel pressjoni zejda fuq ir-rikorrent huwa kien jirrikorri ghall passi dixxiplinarji meta ma kienx ilahhaq max-xoghol, imma mill-provi ma jirrizultax li fuq dan l-aspett il-management qatt irrikorra ghall passi dixxiplinarji fil-konfront teighu anzi kien idderigieh biex l-ewwel jesegwixxi x-xoghol li kien ta' prijorita u xoghol iehor setgha jistenna.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li ma jirrizultalux li l-management b'xi mod ried jehels mir-rikorrent u mill-provi jirrizultalu li meta r-rikorrent irrezenja mill-impieg, il-General Manager ipprova jikkonvincieh biex ma jirrezenjax.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kieku l-management ried jehles mir-rikorrent kien jghamel**

**riorganizazzjoni meta r-rikorrent kien ghadu fl'impieg u dan setgha jghamlu bir-rizultat li kien igieb lir-rikorrent issensjat (redundant).**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzjoni li din ma kienitx rizenja sfurzata (constructive dismissal) izda ir-rikorrent kien irrezenja minn jeddu mill-impieg.**

**Minhabba diferimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghjan ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Ilum : 2 ta' Lulju, 2020**